MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 324/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonnici)**
**(Spt. Anthony Portelli)**

**Vs**
Ludwig Cassar

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**
**1. fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Ottubru tas-sena 2006, f'Santa Venera flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn vettura ta' l-ghamla Daihatsu Charade bin-numru ta' registrazzjoni FAZ-234 ta'**

**apparat tal-HiFi u accessorji ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100), izda li ma jaccedux l-elf lira Maltin (LM1000), bil-hin, bil-mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa w dan sar ghad-detriment ta' Charlot Barbara minn Santa Venera, Malta;**
**2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe' fil-vettura msemmija bin-numru ta' registrazzjoni FAZ-234, liema hsara li teccedi l-hamsin lira Maltin (LM50) izda inqas minn hames mitt lira Maltin (LM500), saret ghad-dannu tal-imsemmi Charlot Barbara minn Santa Venera, Malta;**
**3. fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Ottubru, tas-sena 2006, f'San Giljan Malta, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn vettura ta' ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBG-864 ta' apparat tal-HiFi u accessorji ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda li ma jaccedux l-elf lira Maltin (LM1000) bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa w dan sar ghad-detriment ta' Daniel Brincat mill-Hamrun, Malta;**
**4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe' fil-vettura msemmija DBG-864 liema hsara li teccedi l-hamsin lira Maltin (LM50) izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) saret ghad-dannu tal-imsemmi Daniel Brincat mill-Hamrun, Malta;**
**5. fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Ottubru tas-sena 2006, fin-Naxxar, Malta, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq minn vettura ta' ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GMY-070 ta' apparat tal-HiFi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin LM1000), bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruq, u dan sar ghad-detriment ta' Mario John Debono minn Naxxar, Malta;**
**6. fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Ottubru tas-sena 2006 fl-Imriehel, Malta, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' erba' (4) visors minn vettura ta'**

**ghamla u registrazzjoni mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;**

**7. bejn it-28 ta' Settembru tas-sena 2006 u l-1 t'Ottubru, tas-sena 2006, f'Birzebbugia, Malta, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq minn vettura ta' ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni JAT-794 ta' apparat tal-HiFi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Charmaine Cilia minn Birzebbugia, Malta;**

**8. f'xi zmien qabel l-14 t'Ottubru, tas-sena 2006, f'diversi lokalitajiet go Malta, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' diesel minn vetturi differenti ta' ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;**

**9. Kiser il-provvediment ta' sentenza ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin moghtija nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D;**

**10. Rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenza saret definittiva w li ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(b), 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281, 289, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha w ikkundannatu ghal piena ta' sena (1) prigunerija. Wara li rat ukoll l-artikolu 28B tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-piena inflitta minn dik il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha datata 6 ta' Lulju tas-sena 2004 fil-konfront tal-appellant odjern tigi ukoll fis-sehh immedjatament.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t'Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena ta' sena (1) prigunerija billi joghgobha tnaqqaslu l-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-piena inflitta fuqu hija eccessiva mehud kont tal-ko-operazzjoni shiha tieghu mall-Pulizija u l-fatt illi min kien involut mieghu fis-serq inghata piena ta' tmin (8) xhur prigunerija w li l-piena kellha tkun inqas ghax r-reat kien wiehed kontinwat.**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-26 t' Ottubru, 2006.**

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tas-27 t' Ottubru, 2006, li biha, ddikjara li, wara li ha konjizzjoni tal-artikolu 416 (3A) tal-Kodici Kriminali, dispozizzjoni introdotta permezz tal-Att XVI ta' l-2006, in-nuqqas ta' talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza f' dan il-kaz ma hix ta' ostakolu ghall-appell.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell huwa limitat biss ghall-piena ta' sena prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reati mertu ta' din il-kawza w ma jirrizultax li jolqot l-ordni tal-Ewwel Qorti biex tinghata effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Lulju, 2004, fejn l-appellant odjern kien gie kundannat ghall-tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal tlitt (3) snin, liema parti tas-sentenza ghalhekk ghandha titqies li ghaddiet in gudikat.**

**Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara:** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999]** , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)**

**F' dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l-parametri tal-ligi imma wahda mill-aktar baxxi li setghet taghti l-Ewwel Qorti. Di fatti ghar-reat kontinwat ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bir-recidiva, anki jekk ma jittiehidx kont ta' aggravji ohra, l-piena setghet tkun wahda minima ta' tlittax il-xahar u wahda massima ta' sitt snin prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikoli 279 (a) 18 u 50 tal-Kodici Kriminali. Umbaghad ghar-reat kontinwat ta' hsarat volontarji wkoll il-piena bl-applikazzjoni tal-artikoli 325 (b), 18 u 50 tal-Kodici Kriminali setghet titla ghall-minimu ta' tlittax il-xahar u massimu ta'tlitt snin prigunerija. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) dwar il-konkors tar-reati w pieni, l-piena massima li seta' jehel l-appellant tigi li kienet wahda ta' seba snin u nofs prigunerija, fil-waqt li dik minima - jekk il-Qorti kellha taghzel li ma zzid ebda grad ghar-recidiva w ghar-reat kontinwat - kienet tkun dik ta' sitt xhur u wiehed u ghoxrin jum. Meta wiehed iqis dan kollu jidher car li l-piena hija ferm aktar vicin il-minimu milli dik massima ta' seba' snin u nofs prigunerija.**

**Inoltre l-appellant ammetta li kiser il-provvediment ta' sentenza ta' tmintax il-xahar sospiza ghal tlitt snin moghtija fis-6 ta'Lulju, 2004. Jidher li l-appellant ma tghallem xejn u ma bbenefikax mill-opportunita' li kien inghata mill-Qrati biex jirriforma ruhu.**

**Illi fir-rigward tal-konsiderazzjoini li l-appellant ammetta w ikkkoopera mall-Pulizija, issir riferenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-

Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" **[5.7.2002], fejn gie ritenut li l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**", [17.7.2002].**

**F' dan il-kaz l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata gja ddikjarat espressament li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-ko-operazzjoni ta' l-appellant immedjetament hekk kif gie skopert mill-Pulizija w fl-atti processwali odjerni w dan jispjega l-piena relattivament miti hafna li erogat l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk ma tarax li hu l-kaz li l-appellant ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni ulterjuri minnhabba din il-konsiderazzjoni.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-komplici kien wehel inqas minnu, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo" **[14.11.2002] u** "The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra" **[12.6.2003], fejn gie citati b'approvazzjoni bran mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili. Hekk fil-**BLACKSTONE'S **2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :-**

***"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is***

***simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes [1980] 74 Crim App R 161*…..”(Ara ukoll App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Aronne Cassar” **[28.10.2004] )**

**Gja intqal li din il-Qorti ma tarax li s-sentenza appellata kienet tikkontjeni piena li kienet *“manifestly excessive”* jew li kienet “*wrong in principle*” anzi bil-kuntrarju. Ghalhekk fic-cirkostanzi dan l-aggravju mhux qed jigi milqugh.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, inkluza l-parti fejn ordnat li s-sentenza ta' tmintax il-xahar prigunerija moghtija fil-konfront tal-appellant fis-6 ta' Lulju, 2004 kellha tinghata effett immedjat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------